# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2001

Numru 11

Avviz. numru 524/99mm

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Assurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Alfred Gera & Sons Ltd, u l-istess Alfred Gera & Sons Ltd f'ismu

vs

Alexander Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-13 ta' April 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma komplessiva ta' Lm428.80 (erba mija u tmienja u ghoxrin lira u tmenin centezmi) kwantu ghal Lm403.80 (erba mija u tlett liri

Maltin u tmenin centezmi ) danni mhallsa mill-attur fuq vettura DBA 808 assigurata *comprehensive* hlief ghal Lm25 (hamsa u ghoxrin lira) 'excess' u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Alfred Gera & Sons u dan kollu b'rizultat ta' habta li grat fit-22 ta' Gunju 1998 go San Gwann meta waqt li huwa kien qed isuq il-vettura HAI 644 habat mal-vettura DBA 808 misjuqa minn Albert Cassar ghal liema incident huwa kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1999 u l-imghax tat-8% fuq Lm428 mid-data tal-presentata sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-13 ta' April 1999 kontra Bonfam Insurance Services Ltd, assiguratur tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' Gunju 1998 go San Gwann bejn l-eccipjenti u Albert Cassar, ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija ta' Albert Cassar li waqt li huwa kien qed isuq il-vettura DBA 808 naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku bir-rizultat li

huwa habat mall-vettura tal-eccipjenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif pretizi huma f'kwalunkwe kaz ezagerati, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fit-22 ta' Gunju 1998 fit-Triq tal-Balal fil-kantuniera tal-Mekkek Bar, bejn il-car DBA 806 misjuqa minn Albert Cassar u l-karozza Ritmo HAI 644 misjuqa mill-konvenut. Irrizulta illi z-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni minn Naxxar ghal San Gwann pero' l-karozza misjuqa minn Cassar riedet iddur lejn il-lemin ghal go triq maghrufa bhala tal-Vibes.

Irrizulta mill-provi illi Albert Cassar qal illi huwa kien qed isuq fuq l-outer lane fid-direzzjoni ta' San Gwann u meta gie vicin il-kantuniera tal-Vibes xeghel l-indicator, waqqaf il-karozza tieghu u beda jdur lejn il-lemin. Hares fil-mera u ra l-karozza Fiat Ritmo warajh tul ta' xi tlett karozzi. Dana beda jdur izda fil-pront il-karozza li kien ra warajh bdiet taghmel manuvra ta' sorpass u baqghet diehla fuqu.

Il-konvenut ighid illi huwa kien qed isuq ukoll fuq l-outer lane pero' kellu l-karozza misjuqa minn Cassar quddiemu mtarrga lejn ix-xellug. F'daqqa wahda dina bdiet iddur lejn il-lemin u pprova jevita din il-karozza billi hu wkoll dar lejn il-lemin izda ma rnexxielux u sar l-incident. Ma rrizultax illi kien hemm xi sewqan eccessiv da parti ta' hadd mis-sewwieqa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib li hemm hafna x'ticcensura u mill-operat ta' Albert Cassar li kien qed isuq il-karozza assikurata mas-socjeta' attrici. Dana kien qed isuq fuq triq principali u ried idur lejn il-lemin fi triq sekondarja. Dana kellu obbligu li mhux biss jaghmel indicator u jara illi t-triq hija

libera kemm minn quddiem kif ukoll minn warajh, izda jassigura illi l-messagg tieghu jkun wasal ghand l-utenti l-ohra tat-triq.

Cassar ighid illi ra l-karozza l-ohra warajh pero' kkalkola illi setgha idur. Evidentement, dana ghamel kalkolu hazin u l-karozza misjuqa mill-konvenut kienet ferm aktar vicin milli haseb.

F'sentenza moghtija fil-16 ta' Ottubru,1995 il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono" afferrmat il-principju illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go side street mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun qed jaqalghu fil-mument li jkun sejjer jikser.

Evidentement Cassar ma hax dawn il-mizuri. Veru li nduna bil-presenza tal-konvenut warajh pero', b'daqshekk ma kienx jintitolah li jaqbad u jdur minghajr ma jassigura ruhu illi s-sewwieq tal-karozza ta' warajh jkun fehem l-intenzjonijiet tieghu. Meta gie mistoqsi dan, Cassar ighid illi huwa ma kienx jaf x'fehem is-sewwieq ta' warajh izda xorta beda jdur ghax dehrlu li la darba xeghel l-indicator u ra l-karozza ta' warajh, dana

setgha jdur minghajr inkwiet ta' xejn. Mill-istess xhieda ta' Cassar jirrizulta li dana ma hax il-mizuri necessarji sabiex jassigura l-inkolumita' tal-karozza tieghu u ta' l-utenti l-ohra tat-triq. Li tixghal l-indicator biss minghajr ma tassigura li dan il-messagg ikun wasal ghand haddiehor mhuwiex bizzejjed. Jekk Cassar kellu xi dubbju allura huwa messu qaghad aktar attent ghal min gej minn warajh u ma jibqax idur kif qal li kien ser jaghmel qabel l-incident. Dana huwa kaz klassiku ta' l-uzu hazin ta' l-indicator (ara wkoll Joseph Said vs Mario Muscat Avviz Nru 1759/98mm 29 ta' Novembru 1999).

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament Albert Cassar li kien qed isuq il-karozza assikurata mis-socjeta' attrici u ta' dan ghandu jwiegeb.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit /Dep Reg